**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 52/K6/12

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/01/'12 281**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/01/'12 336**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Jannar 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Karnival
4. Uffiċċju Amministrattiv
5. Installazzjoni ta' pajpijiet tal-gas
6. Tender - Contracts Manager
7. Kuntratt - Separazzjoni ta' skart
8. Skrivani
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 50/K6/11 u 51/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 50/K6/11 u 51/K6/11.

1.3.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 6940 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 17/2011 – Skema Nazzjonali ta' Għajnuna għal Min Hu fil-Bżonn – Aġenzija għall-Pagamenti, Ministeru għar-Rżiorsi u Affarijiet Rurali. |

| | |
|---|---|
| 7017 | Email mingħand il-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* rigward ir-rapport tal-*playgrounds*. |
| 29 | Email mingħand NB Engineering servies Ltd. rigward *Public Play grounds*. |
| 7032 | Talba mingħand il-Malta Water Taxis biex ikollhom baga fil-Bajja ta' Spinola jew fil-Bajja tal-Balluta. |
| 7037 | Talba mingħand is-Sur Rodnick Abdilla sabiex jintuża l-parking tat-Tiguglio. |
| 7060 | Email mingħand il-Kunsillier s-Sur Ronald Agius rigward in-nuqqas ta' l-attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2011. |
| 7065 & 17 | Talba mingħand l-Active Enterprises sabiex iżidu t-tabelli. |
| 7077 | Email mingħand is-Sur David Soler rigward il-kontravenzjonijiet bejn l-1 ta' Gunju 2011 sat-30 ta' Novembru 2011. |
| 7146 | Email mingħand is-Sur David Soler rigward il-kontravenzjonijiet li ħarġu fil-weekends minn Ottubru 2011 sa Diċembru 2011. |
| K1547 | Ittra lil-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turizmu rigward l-kont ta' l-ARMS tax-xogħolijiet li saru fil-Pjazza Wesgħet Guże' Tanti. |
| 7208 | Email mingħand il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment rigward t-tender – Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern. |
| 7247, K1559 | Korrispondenza ma' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward memo 24/2009 - skema ta' finanzjament għall-aċċessibilita aħjar fil-lokalita'. |
| 7322, | Korrispondenza ma' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward |

K162, 14 &K58 memo 7/2010 l- iskema ta' finanzjament għall-aċċessibilita aħjar fil-lokalita'.

7310 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-allokazzjoni finanzjarja 2012.

7357 Ittra mingħand is-Soċjeta Mużikali Spinola rigward l-Festi li jfakkru il-25 mit-Twaqqif tas-Soċjeta' fl-2012 u t-twaqqif tal-banda fl-2013.

7364 Ittra mingħand il-kumitat tal-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012 rigward formoli għan-nominazzjoni – 'Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012.

P14 Email mingħand il-Ministeru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali rigward iz-żebra crossing ħdejn il-Bus Stop fi Triq San Gorg faċċata tal-Wembley Garage.

162 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar rigward l-wirja tal-Gimgħa Mqaddsa fil-Maħzen tal-Armar.

203 Kont mingħand Richard's Press rigward il-cards tas-Sur Raymond Cachia.

P54, P57 & P58 Korrispondenza rigward it-tneħħija tal- *bus shelters* li hemm fi Triq Sant' Andrija.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 6940

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward **Memo 17/2011 – Skema Nazzjonali ta' Għajnuna għal Min Hu fil-Bżonn – Aġenzija għall-Pagamenti, Ministeru għar-Rżiorsi u Affarijiet Rurali**. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jipprovdi l-għajnuna għat-trasport u jiġi kkoordinat meta u kif ser jinġabar l-ikel li ser jitqassam fil-parroċċi tal-lokal.

Rif. Nru. 7017

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Malta Competition and Consumer Affaris Authority* rigward ir-rapport tal-*playground* li hemm fil-ġnien Saver Zarb. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jitlob stima lill-MP&DC qabel jiġi rranġat dan il-ġnien.

Rif. Nru. 7032

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand il-Malta Water Taxis biex ikollhom baga fil-Bajja ta' Spinola jew fil-Bajja tal-Balluta. Ġie deċiż unanimament illi jiġu nfurmati biex jirreferu t-talba tagħhom lill-Awtorita' Marittima ta' Malta. Madankollu l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jkollhom baga dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

Rif. Nru. 7037

2.05 Saret talba mingħand is-Sur Rodnick Abdilla sabiex jintuża l-parking tat-Tiguglio fis-17 ta' Marzu 2012. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jibgħat kopja ta' din l-ittra lill-Pulizija u joġġezzjona li ssir din l-attivita' minħabba li fil-passat inqala' inkonvenjent kbir għar-residenti waqt attivita' simili.

Rif. Nru. 7060

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Ronald Agius rigward in-nuqqas ta' l-attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2011. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jilqa' it-talba tal-Kunsillier Ronald Agius u ġie ddikjarat skużat u mhux assenti għal-laqgħa tax-xahar ta' Diċembru 2011.

Rif. Nru. 7065 u 17

2.07 Saret riferenza għall-email mingħand l-Active Enterprises sabiex jitwaħlu sitt *advertising barriers* fil-viċinanza tal-Pjazza Guze' Tanti. Ġie deċiż unanimament li ma jinħarġulux aktar permessi sakemm

jiġu ssettiljati l-permessi li skadew u għadu qed jagħmel użu minnhom. Wara li jsiru l-pagamenti kollha il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħlu sitt *advertising barriers* fil-viċinanza tal-Pjazza Guze' Tanti dment li jinħareġ il-permess skont il-Bye-Laws.

Rif. Nru. K1547

2.08 Saret riferenza għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill lill-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turizmu rigward il-kont ta' l-ARMS dwar il-kera u l-konsum tad-dawl fil-Pjazza Wesgħet Guże' Tanti. Ġie deċiż unanimament illi l-ARMS jiġu nfurmati sabiex il-kontijiet tad-dawl rigward il-Pjazza Wesgħet Guże' Tanti jintbagħtu direttament lill-Awtorita' tat-Turiżmu peress li x-xogħol ta' l-embellishment sar mill-Gvern Ċentrali.

Rif. Nru. 7247 & 7322

2.09 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali rigward **Memo 24/2009 - Skema ta' Finanzjament għall-Aċċessibilita Aħjar fil-Lokalita'** u **Memo 7/2010 – Skema dwar Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet.** Ġie deċiż unanimament illi tintalab laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali dwar din il-materja.

Rif. Nru. 7357

2.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola - Festi li jfakkru il-25 mit-Twaqqif tas-Soċjeta' fl-2012 u t-Twaqqif tal-Banda fl-2013. Ġie deċiż unanimament illi dawn l-attivitajiet jitellgħu b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jiġu mitluba jibagħtu fattura għall-ammont ta' €500 mis-Soċjeta' indirizzata lill-Green MT. Dan biex il-Kunsill jikteb lill-Green Mt sabiex is-Soċjeta' Mużikali Spinola tingħata sponsor ta' €500 taħt klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien ġie iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awwissu 2010.

Rif. Nru. 162

2.11 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Armar rigward l-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Maħzen tal-Armar. Ġie deċiż unanimament illi din il-wirja tittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u tintalab fattura għall-ammont ta' €200 mill-Għaqda tal-Armar indirizzata lill-Green MT. Dan biex il-Kunsill jikteb lill-Green Mt sabiex l-Għaqda tal-Armar tingħata sponsor ta' €200 taħt klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien ġie iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awwissu 2010.

Rif. Nru. 203

2.12 B'riferenza għall-fattura mingħand Richard's Press rigward il-*visiting cards* tas-Sur Raymond Cachia, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li dawn saru b'direct order mill-Kunsillier. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill reġa' ġie infurmat li għandhom jinżammu r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji u li l-ordnijiet għandhom jinħarġu uffiċjalment mill-uffiċċju amministrattiv.

2.13 Ġie deċiż unanimament illi din il-fattura titħallas mill-Kunsill.

Rif. Nru. P54 u P58

2.14 B'riferenza għall-korrispondenza rigward it-tneħħija tal-*bus shelters* li hemm fi Triq Sant' Andrija, is-Sindku Peter Bonello informa lill-Kunsill li saret laqgħa *onsite* mas-Sur Peter Diacono ta' Pender Place u s-Sur Kevin Vassallo ta' Faces Displays sabiex jitressqu ż-żewġ *bus shelters*. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss li jekk il-Kunsill ma jsibx oġġezjoni dawn il-bus shelters jitneħħew minn Triq Sant'Andrija u jitpoggew wieħed fil-Pjazza ta' Spinola u l-ieħor ħdejn is-*St. Julian's Pitch* fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.15 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li dawn il-bus shelters jitressqu

dment li l-permessi u l-ispejjez kollha nvoluti nkluz dawk ghal ħruġ tal-permessi jitħallsu minn Pender Ville Ltd.

## 3 Karnival

3.01 Saret riferenza għall-email mingħand Leon Promotions rigward l-attivita' tal-Karnival 2012 (Inc. 146/12 – Ara Appendiċi 'A'). Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

- Din l-attivita' hija parti mill-kalendarju tal-Kunsill u li din is-sena ser issir fil-Pjazza Spinola nhar is-Sibt 18 ta' Frar.

- Il-Programm tal-Karnival inkluż l-istima ġiet aċċettata.

3.02 l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.03 Ġie deċiż unanimament li meta l-Kunsill jirċievi l-fattura mingħand il-Leon Promotions, din tintbagħat lill-Green Mt.

## 4 Uffiċċju Amministrattiv

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar sgass fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u li sar rapport lill-Pulizija (Ara Appendiċi 'B'). Saret ħsara fil-bibien ta' l-uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani. Ġie nnotat ukoll li naqas l-ammont ta' €188.63 mill-petty cash, €139.75 b'konnessjoni ma' L.E.S., u €3.45 bqija tas-Sur Victor Cachia flimkien ma' madwar sitt fliexken tal-Whisky. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li sar claim lill-Island Insurance għall-ħsarat li saru fl-uffiċċju u claim ieħor permezz ta' l-AKL dwar 'money insurance'.

## 5 Installazzjoni ta' pajpijiet tal-gas

5.01 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand L&S Technical Consulting Ltd (Inc. 177/12 – Ara Appendiċi 'C') dwar "*collaboration proposal*" għall-installazzjoni ta' pajpijiet tal-gas fil-lokalita'. Hawnhekk inġibdet l-

attenzjoni tal-Kunsill li qabel tittieħed xi deċiżjoni l-Kunsill għandu jkun ċert li jkun jista'. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro jieħu ħsieb din il-materja u jgħaddi l-parir meħtieġ lill-Kunsill.

**6 Tender - Contracts Manager**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-*schedule* (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Wara diskussjoni qasira l-Viċi-Sindku Richard Scicluna ippropona li tingħażel l-offerta ta' l-MP&DC.

6.03 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni, sitta vvutaw favur u astensjoni waħda.

**7. Kuntratt - Separazzjoni ta' Skart**

7.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Green Mt (Inc. 7062/11 –Appendiċi 'E') rigward il-ftehim bejn l-iskema Green Mt u l-Kunsill Lokali San Ġiljan.

7.02 Iċ-Ċermen ippropona li l-Kunsill jaċċetta li jġedded il-kuntratt mal-iskema Green Mt b'sena oħra bl-istess kundizzjonijiet, mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

7.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Skrivani**

8.01 Iċ-Ċermen ippropona li l-iskrivani:-

- Is-Sinjura Lindsay Debattista, is-Sinjura Marisa Micallef u s-Sinjura Connie Said jitilgħu għal skala 13 notch 2 (€ 13,588.50) mill-1 ta' Frar 2012 bl-*increments* kull sena sa massimu ta' l-iskala;

- Is-Sinjura Marisa Micallef tiġi mitluba taħdem jumejn fil-ġimgħa full day peress li ser tingħata l-iskala 13;
- Is-Sinjura Connie Said tiġi nfurmata li jekk ikun hemm il-bzonn tiġi mitluba taħdem aktar sigħat.
- Ser ikollhom sitt xhur probation;

8.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

8.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

9.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

9.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3094 sa 3123 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

10.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3094 sa 3123.

10.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.30p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**